PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

PROVIŻORJU
2007/2019(BUD)

5.7.2007

ABBOZZ TA' OPINJONI

tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

għall-Kumitat għall-Baġit

dwar l-abbozz tal-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2008
(2007/2019(BUD))

Taqsima III - Kummissjoni

Rapporteur għal opinjoni: Bárbara Dührkop Dührkop

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern jistieden lill-Kumitat għall-Baġit, bħala l-Kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni li se jadotta:

1. Jinnota b'sodisfazzjon iż-żieda sostanzjali fil-baġit għat-Titolu 18 "Zona ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja" għas-sena finanzjarja 2008 bħala sinjal ta' rikonoxximent li din iz-zona hija ta' importanza kbira għaċ-ċittadini Ewropej;

2. Itenni mill-ġdid il-ħtieġa biex l-Unjoni Ewropea taqbel ma' standards u proċeduri komuni għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li qed jgħixu b'mod illegali fl-Unjoni Ewropea[1]; iqis li, mingħajr din id-Direttiva, il-Fond ta' Ritorn m'għandux ikun implimentat; għalhekk jistabbilixxi f'riserva l-ammont previst għal dan il-Fond;

3. Jinsisti li l-Europol għandha tkun integrata fil-qafas tal-Komunità biex tkun aktar responsabbli, trasparenti u bit-tama li tkun aktar effettiva;

4. Iqis li l-Aġenzija Ewropea għall-Immaniġġjar ta' Koperazzjoni Operattiva fil-Fruntieri Esterni ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea (Frontex) għandha l-irwol importanti x'teżerċita fl-immaniġġjar integrat ta' fruntieri esterni; iżda jqis li l-Aġenzija għandha tkun aktar responsabbli għall-awtorità tal-baġit fl-implimentazzjoni tal-baġit, u b'mod aktar speċifiku fil-missjonijiet organizzati mill-Frontex; jitlob lill-Aġenzija biex tirraporta b'mod regolari dwar l-attivitajiet tagħha lill-kumitat responsabbli.

[1] Proposta għall-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi residenti b'mod illegali (COM(2005)0391 - 2005/0167(COD)).